**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TA' L-AMBJENT U L-IPPJANAR**
**ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL**

P.O. BOX 172
MARSA
Tel: 21222140/21223207
Email:info@eprt.org.mt

---

APPELL NRU.: 00108/16

REF.: EC/00259/16

APPELLANT: Mr. Emanuel Borg

Illum, 18 ta' Mejju 2016

It-Tribunal,

Ra l-appell ippreżentat illum stess;

Ra l-Artikolu 20 tal-Att V tal-2016 dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Jordna lis-Segretarja tat-Tribunal tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex tibgħat kopja tal-istess appell lill-Awtorita' tal-Ippjanar, b'dana illi l-istess Aworita' għandha għoxrin (20) ġurnata żmien min-notifika sabiex tippreżenta bil-miktub ir-risposta tagħha għall-appell lil dan it-Tribunal, bin-notifika lill-appellant fit-terminu hawn fuq imsemmi.

Martin Saliba | Simon Micallef Stafrace | Robert Sarsero

-APLNotificationToMEPA-

VERA KOPJA

108

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
18 MAY 2016
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

**Appell dwar Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq EC/00259/16**

Appell ta' Emanuel Borg id 34155M ( ta' 69 Peprina – Triq il-Helsien – Qormi)

Jinghad bil-qima :-

1. Illi hu gie mgharraf b'ittra li ggib id-data tas-26 ta' April,2016, li kopja taghha qed tigi annessa li kien hemm "Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq"

2. L-esponenti hassu aggravat minn tali Avviz u dan ghal diversi ragunijiet.

3. Fl-ewwel lok ghandu jinghad li gew imsemmija l-artiklu 97 u 100 tal-Att VII tal-2016. Huwa maghruf li ligi thares 'il quddiem u mhux lura. L-esponenti ma ghamel xejn bi ksur tal-ligi tal-2016, u ghalhekk ma jistghux jigu kwotati kontra tieghu artikli ta' ligi li me kenitx tezisti meta sar xi xoghol, (apparti dak li se jinghad aktar'il quddiem).

4. Fil-mertu, l-Avviz huwa vizjat kemm fuq punti ta' fatt u kemm fuq punti ta' dritt.

5. Jibda biex jinghad dwar il-bini tal-hitan u x-xatba tal-hadid, li dawn saru mill-gvern meta twessghet Triq ix-Xitwa. Sar fi zmien meta ma kien hemm l-ebda regolament dwar hitan tas-sejjiegh. Ma kienx hemm xi regolament dwar l-gheluq ta' rziezet.

L-aerial photography fi hdan l-Awtorita` tista' turi dan ix-xoghol ilu li sar, sahansitra qabel l-1992, mill-gvern stess. Irid ikun iblah l-esponenti li jdejjaq ir-raba tieghu halli titwessa t-triq, u mhux hekk biss, jibqa' sejjer bit-twessiegh sahansitra fuq raba ta' haddiehor li jinsab mal-istess naha tat-triq. Ikun iblah doppjament li jaghmel hajt ghal haddiehor ukoll, jekk ihalluh. Ghax huwa manifest li t-twessiegh u l-bini tal-hitan u x-xatba tal-hadid saru mill-gvern meta kien qed isir zvilupp mill-gvern stess.

Hemm ukoll il-kwestjoni legali li x-xoghol sar qabel l-1992. Li jiftakar l-esponenti huwa li x-xoghol kien sar ghall-habta tas-sena 1984, meta l-gvern ma kien ikollu bzonn l-ebda permess tal-bini.

Wiehed irid izomm ukoll quddiem ghajnejh li hawn si tratta ta' razzett u mhux ghalqa. Razzett ikollu bzonn protezzjoni, u mhux semplicement hajt ta' ghalqa.

Imma jerga' jinghad li l-hajt ttella' mill-Gvern u qabel ma l-MEPA kienet bdiet tezisti. Konsegwentment ma hemmx is-sahha legali li jigi ordnat li twettiq.

Il-fond in kwestjoni kien gie ezaminat mill-MEPA ftit ta' zmien ilu, u r-rappresentant kien tharrek quddiem il-Bord li Jirregola l-Kontroll tal-kiri tar-Raba, u kien stqarr l-ufficjali li ma nstab xejn li kien jikkontravjeni l-ligijiet tal-bini u l-permessi.

6. Prattikament l-istess argument japplikaw ghal kamra l-antika. Din hija mibnija minn gebel li kien ingabar mit-twaqqiegh ta' zmien il-gwerra. Hajt fuq wara kien tmermer, u ried jinbidel. Ix-xoghol sar fl-1965 -1970 cirka. Jekk hemm xi footprint ftit akbar, mhux eskluz. Pero` ma kien hemm l-ebda ligi li tipprojbixxi jew tirregola l-bini tal-kmamar agrikoli.

Imma jerga' jinghad li definittivament ilu aktar qabel mill-1992, meta dahlet fis-sehh il-MEPA. Ghalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda twettiq.

Dan jirrisulta mill-aerial photography fi hdan il-MEPA.

7. Finalment bhala punt legali ghandu jinghad li kwalunkwe dritt ta' azzjoni jintilef fil-preskrizzjoni ta' tletin sena. Mhu qed isir l-ebda xoghol, u ghalhekk ma hemmx kwestjoni li l-Avviz Biex Tieqaf ma japplikax. Ghat-twettiq huwa preskritt.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob ir-revoka tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq EC/00259/16, u dan ghar-ragunijiet premessi.

Av J. Brincat

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI TA' L-AMBJENT U L-IPPJANAR**
**ENVIRONMENT & PLANNING REVIEW TRIBUNAL**

P.O. BOX 172
MARSA

TEL: 21222278
FAX: 21223596

№ 0874

# PAYMENT TO THE ENVIRONMENT & PLANNING REVIEW TRIBUNAL

**Appeal No.** ________/_____

**PA** ___________/______

**ECF** 259 / 16

**Name/Address of Appellant**

Emanuel Borg

**Development**

**Location**

Qormi

- [ ] Appeal from Refusal
- [ ] Appeal from Condition
- [x] Appeal from Enforcement Notice
- [ ] Third Party Appeal
- [ ] Payment of Fine
- [ ] Payment for Site Inspection
- [ ] Others

BANK OF VALLETTA p.l.c.
FLORIANA
18 MAY 2016
8

| Total Fee Submitted | Amount |
|---|---|
| PAYMENT | € 100— |
| [x] Bank of Valletta Ltd., A/C 186 0307 2236 | |
| [ ] H.S.B.C., 089-037246-050 | |
| Total | € 100— |

White: This form should be submitted to the Secretary, Environment & Planning Review Tribunal, duly stamped by the Bank
Green: PAB Accounts
Yellow: Customer's Copy

PLANNING AUTHORITY

# Avviż Skont L-Artikoli 95 u 97 tal-Att VII tal-2016
# Dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp
# Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq

Emanuel Borg
34155M
69, Peprina
Triq il-Helsien
Qormi

Data : 26/04/16
Ref. Tagħna : EC/00259/16

Jidher li għall-Awtorita' tal-Ippjanar kien hemm ksur tal-kontroll tal-ippjanar fi:

Post : Site at Triq ix-Xitwa l/o Qormi (skont il-pjanta annessa)

Il-ksur tal-kontroll tal-ippjanar jikkonsisti f'li:

Għandek żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti:
* minn bini ta' ħitan għal ma' Triq Ix-Xitwa mibnija bil-ġebel tal-franka ċirka 10 filati għoli;
* installazzjoni ta' kanċell tal-metall;
* estensjoni ma' struttura antika.

L-Awtorita' tal-Ippjanar jidhrilha li huwa bżonnjuż, meta tqis id-dispożizzjonijiet tal-pjanijiet ta' żvilupp u konsiderazzjonijiet oħra ta' sustanza, li toħroġ dan l-Avviż ta' Twettiq, bis-saħħa tal-poteri li għandha skont l-Artikoli 95 u 97 tal-Att VII tal-2016.

L-Awtorita' tal-Ippjanar tesiġi li jieqaf immedjatament l-iżvilupp, hawn fuq imsemmi u kull żvilupp ieħor fuq is-sit in kwistjoni, jekk għadu jsir, ma jinbeda ebda żvilupp ieħor fuq is-sit, u jittiehdu dawn il-passi sabiex jieqaf il-ksur:

Tneħħi kull ma sar mingħajr permess u treġġa lura s-sit għal kif kien, qabel ma sar l-imsemmi żvilupp, fi żmien 16-il ġurnata.

**Dan l-Avviż jiehu effett skont il-provvediment tal-Artikoli 97 u 100 tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.**

Mary Anne Aquilina
Enforcement Officer

MaryAnne Aquilina
Għad-Direttur tal-Infurzar

-DocNenf-

St Francis Ravelin, Floriana, FRN 1230, Malta
Triq Sir Luigi Camilleri, Victoria, VCT 2700, Gozo
t +356 2290 0000 e customercare@pa.org.mt

www.pa.org.mt